MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Numru 1081/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**
**Shirley Barbara**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Shirley Barbara** ta' 21 sena, bint John u Anna *nee'* Attard, imwielda Pieta' fit-30 ta' Settembru, 1983, residenti Block H Flat 2, Ta' Ganza, Zejtun, u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 496383M;

Talli matul ix-xahar ta' Novembru, 2004, f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin xjentemnet laqat ghandha, xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew indahlet sabiex tbiegh jew tmexxi diversi oggetti u cioe' apparat ta'

Hi-Fi u stereos ta' vetturi u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz kontra taghha ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi ikun opportun li din il-Qorti minnufih tippuntwalizza illi minkejja li l-imputata hija akkuzata bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 dwar "diversi oggetti u cioe' apparat ta' hi-fi u stereos tal-vetturi", in effetti si tratta ta' stereo wiehed biss li hi xtrat minghand il-kugin taghha;

Illi fil-kaz in dizamina l-prosekuzzjoni resqet bhala xhieda lill-persuna li kienet akkuzata fi proceduri separati b'serq ta' apparat tal-istereos minn vetturi u lil WPC 221 bhala xhud ta' stqarrija tal-imputata esebita in atti. Il-kugin tal-imputata xehed illi huwa kien xtara stereos minghand terzi meta dan kien jaf li kienu misruqa u li kien bejgh wiehed minnhom lill-imputata minghajr ma avzaha li kien misruq. WPC 221 ikkonfermat illi kienet prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputata u li qed tgharaf il-firem fuq l-istess dokument.

Illi l-imputat offriet id-deposizzjoni taghha fejn qalet illi hija xtrat l-istereo in kwistjoni minghand il-kugin taghha minghajr ma kienet taf jekk dan kienx provenjenti minn serq u li ma kellhiex ghaliex tissuspetta dan. Hi spjegat li xtrat dan is car CD stereo bi prezz ta' Lm35 u li saret taf li kien mertu ta' serq meta missier il-kugin taghha talabha tirrotorna l-istereo. Hija xtrat l-istess bil-hsieb li tibdel dak li kellha gia stallat fil-vettura taghha izda ma kienitx ghadha bidlitu.

Illi dwar l-elementi ta’ dan ir-rejat, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima (25/10/2002)** irriteniet illi l-element materjali tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi.. Dwar dan l-element xehed il-persuna li biegh l-istereo lill-imputata li quddiem din il-Qorti ikkonferma illi huwa kien xtara l-istereo fost ohrajn misruqa u li kien inghata sentenza mill-Qrati dwar dan ir-rejat. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni issodisfat il-prova ta’ dan ir-rekwizit;

Illi jehtieg issa ikun accertat jekk l-imputata kienitx konsapevoli tal-fatt illi l-oggett kien provenjenti minn kawza illecita. Fis-sentenza tal-Qorti tal-**Appell Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri (16.12.1998)**, il-Qorti fissret illi fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf, jew mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ikun missu ragonevolment ikun jaf, li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza. L-imputata xehdet illi hija kellha stereo fil-vettura taghha u xtrat l-istereo offrut mill-imputat biex ikollha apparat ahjar. Hija qalet li qatt ma ssuspettat li dan kien provenjenti minn serq u li ma kienitx taf li l-kugin taghha kien kapaci jaghmel dawn l-affarijiet. Di piu, l-imputata xtrat l-istereo bil-prezz ta’ Lm35 u ma ngiebet ebda prova ta’ kemm jiswa bhala gdid dan l-apparat sabiex wiehed ikun jista’ jikkonstata kemm verament sar gwadann bl-akkwist ta’ dan l-oggett u dan peress illi huwa ben risaput illi oggetti misruqa jinbieghu ghall-prezz ferm aktar baxx minn dak tas-suq. Il-prezz ta’ Lm35 ghall-oggett second hand mhux wiehed baxx u inoltre ma giebitx xi prova li turi illi dan l-istereo kien b’xi wires mqacctin jew kundizzjoni simili li talvolta jistghu ikunu indikattivi li mhux kollox huwa sew u dwar dan ir-rejat ma hemm xejn prezunt u jehtieg li jkun pruvat mill-prosekuzzjoni;

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, il-fatti kif prezentati mill-proeskuzzjoni ma jammontawx ghal dik il-prova essenzjali li turi li l-imputata kienet taf jew kien imissha tkun taf

b’mod ragonevoli li l-oggett kien gej minn provenjenza kriminuza.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------